# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Jannar, 2023.**

**Numru 28**

**Rikors numru 1018/18/1 GM**

**Marta Mamo**

**v.**

**Charles Camilleri**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tal-konvenut Charles Camilleri (l-appellant) minn sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (l-Ewwel Qorti), mogħtija fil-5 ta' Mejju 2022, u li hija dwar azzjoni għall-kumpens fuq serviġi li ġew mogħtija mill-attriċi (l-appellata) fin-negozju tal-appellant, u dan għall-perjodu ta' bejn Lulju tas-sena 2013 sa Mejju tas-sena 2018;

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tas-16 ta' Ottubru 2018, l-appellata spjegat li l-partijiet kienu f'relazzjoni li damet għal diversi snin u ntemmet fis-sena 2018. Tgħid li minn Lulju tas-sena 2013 hija bdiet taħdem fin-negozju tal-konvenut li jġib l-isem *'Ta' Matti & Sons'* u tispjega li filwaqt li għall-bidu hija kienet taħdem fuq bażi *'part-time'*; minn Jannar 2014 sa meta ntemmet ir-relazzjoni bejn il-partijiet f'Mejju tas-sena 2018, hija kienet taħdem mal-konvenut fuq bażi ta' *'full-time'* u dan għal aktar minn 40 siegħa fil-ġimgħa. Filwaqt li tiddikjara li l-konvenut qatt ma ħallasha l-ebda paga, tispjega li għall-ewwel il-konvenut kien wegħedha paga u sussegwentement kien wegħedha li kien ser iħallasha billi jagħtiha *'penthouse'* li kien ser jibni. Tilmenta li l-konvenut qatt ma wettaq dak li wiegħed u minkejja li talbitu biex jersaq għal-likwidazzjoni u ħlas ta' flejjes dovuti lilha, il-konvenut baqa' ma għamel xejn minn dak mitlub. Minħabba f'hekk hija talbet lill-Qorti sabiex:

> *"1) Tiddikjara li l-esponenti fuq medda ta' ħames snin u ċioè minn Lulju 2013 sa Mejju 2018 ipprestat serviġi fin-negozju tal-konvenut, liema serviġi għandhom jiġu kumpensati.*
>
> *2)Tillikwida anke bl-opera ta' periti nominandi dik is-somma dovuta lill-esponenti mill-konvenut bħala ħlas għas-serviġi prestati minnha lilu fin-negozju tiegħu.*
>
> *3) Tordna lill-konvenut iħallas lill-esponenti dik is-somma hekk likwidat fi żmien qasir u perentorju li din l-Onorabbli Qorti jogħgobha tordna.*
>
> *Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni preżentat kotestwalment u tal-ittra Uffiċjali Numru 2790/18, kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt in subizzjoni.*

*Bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv".*

3. Il-konvenut, filwaqt li ddikjara li ma jaqbilx mal-fatti hekk kif imniżżla fir-rikors maħluf laqa' għat-talbiet attriċi billi ressaq dawn l-erba' eċċezzjonijiet:

> *"1. Ma jeżistux l-elementi hekk kif rikjesti mil-liġi u hekk kif imfissra matul iż-żmien mill-Qrati tagħna, sabiex it-talbiet tar-rikorrenti jirnexxu, u dan kif ser jiġi muri tul is-smigħ ta' din il-kawża.*
>
> *2. It-talbiet rikorrenti huma għal kollox kontestati partikolarment kunsidrat il-livell ta' qrubija tal-kontendenti tul is-snin u ż-żmien li għalih jirreferu t-talbiet rikorrenti; ma huwiex filfatt minnu li hemm xi serviġi, l-valur ta' liema għandu jiġi likwidat favur ir-rikorrenti.*
>
> *3. Anke kieku kienu jeżistu l-elementi meħtieġa sabiex isostnu t-talbiet tar-rikorrenti, din diġa` ġiet kumpensata in eċċess ta' kwalunkwe pretensjoni minnha vantata.*
>
> *4. It-talbiet tar-rikorrenti kif imressqa jibqgħu infondati fil-fatt u fid-dritt".*

4. B'sentenza mogħtija fil-5 ta' Mejju 2022, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet din il-kwistjoni billi għar-raġunijiet hemmhekk imsemmija, filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut, laqgħet it-talbiet kollha tal-attriċi u ordnat lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma likwidata fl-ammont ta' mija u għoxrin elf ewro (€120,000), u dan kemm bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-eventwali ħlas effettiv, kif ukoll bl-ispejjeż kollha nklużi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni 1835/18;

5. Id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti ma niżlet xejn tajjeb mal-konvenut, u fuq is-saħħa tal-aggravji li ġew imqajma fir-rikors tal-appell li ġie preżentat

fis-26 ta' Mejju 2022, il-konvenut qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tirrevoka, tħassar u tannulla s-sentenza tal-Qorti Ċivili Prim' Awla tal-5 ta' Mejju 2022 fl-ismijiet premessi fit-termini tal-aggravji hawn sollevati, u tilqa' b'hekk l-eċċezzjonijiet kollha tal-appellanti hekk kif imressqa fir-risposta ġuramentata u tiċħad it-talbiet tal-appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi jmorru kontra l-appellata"*;

6. Min-naħa l-oħra, l-attriċi appellata ma taqbilx mal-appell tal-konvenut, u għar-raġunijiet li ġew minnha spjegati fir-risposta tal-appell li ġiet preżentata fil-25 ta' Lulju 2022, talbet lil din il-Qorti sabiex: *"tiċħad l-appell in toto, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant"*;

7. Wara li rat l-atti proċesswali kollha u qieset li l-fażi tal-proċedura bil-miktub ingħalqet, din il-Qorti ma jirriżultalhiex li hemm il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ, u b'hekk ser tkun qed tgħaddi minnufih għas-sentenza u dan fuq is-saħħa tal-Artikolu 152(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

8. L-appellant qiegħed jaqsam l-appell tiegħu f'erba' aggravji li fi kliem l-appellant stess huma li:

a *"L-Ewwel Qorti żbaljat meta sabet li jeżistu l-elementi hekk kif rikjesti mill-liġi u hekk kif imfissra matul iż-żmien mill-ġurisprudenza sabiex it-talbiet tal-appellata jirnexxu"*;

b *"Il-likwidazzjoni magħmula mill-Ewwel Qorti hija waħda li ma hijiex konsona mat-tagħlim tal-Qrati nostrani"*;

c *"L-appellata diġà ġie kumpensata in eċċess ta' kwalunkwe pretensjoni minnha vantata"*; u

d Dwar l-ispejjeż ġudizzjarji, hekk kif deċiżi mill-Ewwel Qorti;

9. Identifikati l-aggravi tal-appellant, din il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tqis l-ilmenti kollha tal-appellant, u dan fl-istess sekwenza li ġew imqajma fir-rikors tal-appell;

10. Fl-**ewwel aggravju** l-appellant jilmenta *"l-elementi hekk kif rikjesti mil-liġi u hekk kif imfissra matul iż-żmien mill-ġurisprudenza sabiex it-talbiet tal-appellata jirnexxu kienu karenti".* F'dan ir-rigward, l-appellant jargumenta li l-Ewwel Qorti naqset milli tqis jew tqis tajjeb, kemm il-benefiċċju diġà godut mill-appellata; kif ukoll, il-fatt li l-kontendenti kellhom bejniethom relazzjoni stabbli u li kienu jgħixu flimkien bħala mara u raġel;

11. Dwar il-benefiċċju godut mill-appellata, l-appellant jgħid li l-appellata gawdiet mir-rikavat tan-negozju u dan biex għex in-nukleu familjari, inkluż bint il-partijiet. Għalkemm jammetti li *"forsi huwa minnu li l-attriċi ma kinitx tipperċepixxi salarju fil-forma tradizzjonali tiegħu",* l-appellant jissottometti li daqstant ieħor kien minnu li l-appellata kellha aċċess inkondizzjonat għall-finanzi u għar-rikavat tan-negozju ġestit minnu. Filwaqt li jagħmel xi referenzi għal dak li xehed dwaru matul il-kawża, jargumenta li dak li qed tgħid l-appellata; u ċioè li l-ispejjeż kollha tagħha u ta' binthom ġew imħallsa mill-ġenituri tagħha, mhuwiex verosimili, u dan partikolarment meta jiġu meqjusa l-bżonnijiet għall-għixien tan-nukleu familjari u l-fatt li l-attriċi appellata ssoktat fil-prestazzjoni tas-servizzi tagħha għall-perjodu twil.

12. Dwar ir-relazzjoni ta' qrubija, l-appellant imbagħad jargumenta li filwaqt li meta ma jkun hemm l-ebda rabta bejn min jagħti u min jirċievi s-servizzi, dan jista' u ġeneralment ifisser li tali servizzi jkunu qed isiru bit-tama ta' ħlas jew kumpens xieraq; min-naħa l-oħra, f'dan il-każ, għad il-partijiet li ma kinux jiġu minn xulxin *"kienu tassew familja jaħdmu għal għan wieħed u jsostnu lilhom infushom minn sors wieħed ta' qliegħ, u ċioè n-negozju Ta' Matti & Sons."* L-appellant jagħmel ukoll xi referenzi għall-ġurisprudenza u fost l-oħrajn jargumenta li *"biex wieħed jasal biex jara jekk persuna kellhiex il-fehma jew l-istennija li titħallas, għandu jitqies*

*il-waqt meta ngħataw tali servizzi, għaliex iċ-ċirkostanzi li jseħħu wara ma jservux biex joħolqu b'lura dritt ta' fehma li ma kinitx l-intenzjoni tal-partijiet li joħolqu"*;

13. L-appellata tirribatti li l-aggravju tal-appellant m'għandux mis-sewwa u li l-Ewwel Qorti qieset u għarblet sew il-provi miġjuba quddiemha u semgħet b'widnejha x-xhieda kollha mressqa quddiemha. Sabiex issostni l-argumenti tagħha, l-appellanti tagħmel referenza għall-affidavit tagħha li fih spjegat fid-dettall kif l-appellant kien għall-bidu wegħedha paga u wara kien taha kelmtu li ser jaqleb *penthouse* fuq isimha. Tirreferi wkoll għall-estratti tal-messaġġi li ntbagħtu bejn il-partijiet u li jikkonfermaw li l-appellat stess kien wegħedha l-*penthouse*; u għall-kontroeżami tal-appellant li sar waqt is-seduta miżmuma fis-27 ta' Jannar 2022, u li matulu l-appellant stess ikkonferma li l-appellata minn dejjem kienet qed tippretendi kumpens għal xogħlha. Fid-dawl ta' dan, l-appellanti tgħid li m'għandux ikun hemm dubju li hija minn dejjem wettqet is-serviġi bit-tama li tiġi kumpensata għal xogħlha, u l-fatt innifsu li l-partijiet kienu f'relazzjoni ma jfissirx li m'hemmx bażi ta' kumpens. Barra minn hekk, u fir-rigward tal-argumenti marbuta mal-benefiċċju li allegatament gawdiet minnu, l-attriċi appellata tirribatti li kemm mix-xhieda tagħha, kif ukoll mix-xhieda tal-familjari ġie ppruvat li hija mhux biss kellha tuża l-flus personali tagħha biex tgħajjex lilha nnifisha, iżda wkoll kienet titlob l-għajnuna finanzjarja lill-familjari tagħha u dan anke

għall-bżonnijiet bażiċi. Sa fejn imbagħad l-appellant isemmi lill-bint il-partijiet, l-appellata tgħid li f'seduta minnhom, l-appellant stess ammetta li kienu l-ġenituri tagħha li kienu joħorġu l-ispejjeż għall-ikel u l-ġugarelli, u għalkemm tikkontesta l-infiq l-ieħor imsemmi minnu, targumenta li f'kull każ, kien jaqa' fuqu bħala missier li jmantni lil bintu, u dawn l-ispejjeż ma kellhom xejn x'jaqsmu mal-ħlas għall-prestazzjoni tas-servizzi tagħha fin-negozju tiegħu;

14. Meqjusa l-argumenti tal-partijiet fid-dawl tal-provi li jinsabu fl-atti proċesswali, kif ukoll fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li ġew magħmula mill-Ewwel Qorti; din il-Qorti ma tarax li l-Ewwel Qorti ma qisitx tajjeb il-fatt li l-kontendenti kienu jgħixu flimkien, u dak li l-appellant qed jirreferi għalih bħala l-'benefiċċju diġà godut mill-appellata';

15. Fil-kuntest tal-argument dwar il-'qrubija' li kien hemm bejn il-partijiet għaliex kienu qed jgħixu flimkien, l-Ewwel Qorti kkonsidrat tajjeb li b'kuntrast għal diversi sentenzi antiki, illum il-ġurnata l-ġurisprudenza hija ċara fis-sens li anke f'ċirkustanzi li s-serviġi jiġu mogħtija f'kuntest familjari, il-preżunzjoni *iuris tantum* li dawk is-serviġi jkunu qed jingħataw bi stennija għall-kumpens tibqa' tgħodd, u dan sakemm ma jintweriex bla ebda dubju li dak il-qadi jkun ingħata bla ħsieb ta' kumpens jew ħlas. *(*Ara f'dan is-sens is-sentenzi fl-ismijiet ta*'* ***Mary Grace Attard et. v. Rosario***

***Attard*** deċiża minn din il-Qorti fit-13 ta' Ottubru 1989;[1] ***Francis Borg v. Carmen mart Domenic Gaffiero et.*** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Marzu 2003;[2] ***Anthony Catania pro et noe. v Maria Agius***, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Diċembru 2003;[3] ***Victoria Scerri et. v. Joseph Aquilina et.*** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-4 ta' Marzu 2010;[4] u ***George Borg v. Mary Calleja et.*** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Jannar 2013[5]);

16. Bħall-Ewwel Qorti, din il-Qorti hija konvinta li fil-każ tal-lum, il-konvenut mhux talli ma ġabx xi prova konklussiva li biha wera li l-attriċi ma kellha l-ebda tama jew stennija għall-ħlas jew kumpens tax-xogħol kollu li kienet qed tagħmel, iżda talli mill-assjem tal-provi jirriżulta propju l-kuntrajru; u ċioè li l-attriċi dejjem wettqet ix-xogħol bil-ħsieb li tiġi kkumpensata b'mod xieraq. Dwar dan mhux biss hemm l-affidavit tal-attriċi li fih spjegat fid-dettall is-sekwenza tal-ġrajjiet u t-tama ta' ħlas u kumpens li kellha f'kull fażi tal-ħidma tagħha fin-negozju tal-konvenut,[6] iżda wkoll hemm l-affidavit ta' ommha,[7] u oħtha,[8] li lkoll jikkorroboraw kif l-attriċi kienet qed tirsisti u tistinka fin-negozju tal-konvenut bl-intenzjoni li tiġi kumpensata b'mod xieraq, u dan billi tingħata *penthouse* mdaqqsa u

[1] Vol. LXXIII.II.(i), 386.
[2] Ċit. Nru. 1411/1992/1PS.
[3] Ċit. Nru. 1381/1993TM.
[4] Ċit. Nru. 1087/200/1JRM.
[5] Ċit. Nru. 509/2010JZM.
[6] 'DOK A', ara fost l-oħrajn paġni: 39 sa 42 u 45.
[7] Ara l-affidavit ta' Maria Carmela *sive* Marica Mamo (Dok. Ċ), fol 281.
[8] Ara l-affidavit ta' Madeline Mamo (Dok. D), fol 480.

lussuża li kienet ser tiġi mibnija mill-konvenut. Fuq kollox, kien il-konvenut stess li stqarr għal darba darbtejn, u f'żewġ seduti differenti,[9] li l-attriċi riditu jikkumpensaha billi jdawrilha l-*penthouse* fuq isimha. B'mod partikolari, fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2022, il-konvenut qal li: *"Jiena qatt ma għedt illi Marta ma riditx flus. Flus ta' paga qatt ma riedet, imma Marta kienet qeghda titlobni l-penthouse, bhalma ghedtilkom, ghax Marta kienet qegħda tagħmel kollox bi skop."* Fil-fehma tal-Qorti, prova aħjar minn hekk diffiċli setgħet tinġieb, u fid-dawl ta' dan, din il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li l-attriċi ma kinitx qed tgħin lill-konvenut fin-negozju tiegħu b'mod gratuwitu u fi spirtu ta' *'familiaritatis causa'*;

17. Minn eżami meqjus tal-provi kollha li ġew imressqa f'dawn il-proċeduri, din il-Qorti tosserva wkoll li f'dan il-każ lanqas ma jista' jingħad li ma kienx hemm xi forma ta' kumpens pattwit bejn il-partijiet. Għalkemm fix-xhieda mogħtija minnu f'din il-kawża, il-konvenut ċaħad li kien wiegħed lill-attriċi li ser idawwar il-*penthouse* fuq isimha u dan bħala forma ta' kumpens għall-kontribuzzjoni tagħha fin-negozju tiegħu; mill-assjem tal-provi jirriżulta mod ieħor. Apparti x-xhieda tal-attriċi u li missier l-attriċi għamel referenza għall-inkontru partikolari li kellu mal-konvenut, u li fih dan tal-aħħar kien qallu li "*l-penthouse kien se jiktibha fuq isem Marta għax bix-xogħol li kienet qed tagħmel kien qala aktar flus",*[10] dan il-fatt tal-

[9] Ara traskrizzjoni ta' xhieda tal-konvenut li saret waqt is-seduta tal-10 ta' Ottubru 2019, fol. 512; u traskrizzjoni tal-kontro-eżami tal-konvenut li sar waqt is-seduta tas-27 ta' Jannar 2022, fol. 744.
[10] Ara l-affidavit ta' Raymond Mamo, (Dok. B), fol. 276.

aħħar ġie mbagħad ukoll korroborat minn terzi li jistgħu jitqiesu bħala xhieda 'newtrali'. Pereżempju, hekk kif fis-seduta tat-13 ta' Ġunju 2019, il-Perit Alan Saliba ġie mistoqsi: *"[u] din l-art f'hiex kienet ħa tiġi ikkonvertita appartamenti?",* dan wieġeb hekk: *"Eħe kienet se tiġi kkonvertita appartamenti u jidhirli jekk niftakar sew kienu se jżommu xi penthouse għalihom".* Dan il-fatt ġie mbagħad aċċennat aktar minn Ramon Lautier, li f'dak iż-żmien kien sensar mal-aġenzija RE/MAX, u qal li għalkemm kien ħajjar lill-partijiet biex jitfgħu kollox għall-bejgħ inkluż il-*penthouse,* il-kontendenti qalulu li dik il-*penthouse* kienet ser iżżommha l-attriċi.[11] In kontroeżami Lautier imbagħad kompla jispeċifika aktar u qal li: *"Jien dejjem kien jgħidu li Marta għandha il-penthouse dad (sic) diskors dejjem intqal miegħi".*[12] B'żieda ma' dan kollu hemm imbagħad il-messaġġ li ġie mibgħut mill-konvenut fit-12 ta' Lulju 2018, u li fih qal hekk: ***"Isa (sic) biex nurik <u>kemm kelmti nżoma (sic) u ma kontx qed nitnejek (sic) bik</u> kif forsi kont qed taħseb jew jgħijdulek (sic) il ħamis fil 5 eja (sic) u ndawru nofs il-pethouse fuq ismek <u>kif kien il ftejim (sic) tagħna</u> jien hemmhek (sic) mijak (sic) bdejta dik il biċċa xol (sic) u mijak lest li nkomplija u int għinti (sic) ħafna wkoll...".***[13] Meqjus il-kontenut ta' dan il-messaġġ fil-kuntest tal-provi hawn fuq imsemmija, din il-Qorti ma tarax li l-konvenut kien onest meta f'dawn il-proċeduri xehed li huwa qatt ma kien wiegħed lill-attriċi xi forma ta'

---

[11] Ara traskrizzjoni ta' xhieda ta' Ramon Lautier tas-seduta tat-13 ta' Ġunju 2019, fol. 491.
[12] Id. 494.
[13] Ara Dok. MM15, fol 273.

kumpens għal xogħolha u speċifikatament il-*penthouse.* Din il-Qorti għalhekk issib li l-Ewwel Qorti kellha raġun tgħid li jirriżulta ppruvat li l-konvenut tassew wiegħed il-*penthouse* bħala kumpens għax-xogħol li kienet qed tagħmel l-attriċi;

18. Fil-fehma tal-Qorti, ġaladarba l-konvenut kien wiegħed lill-attriċi li kien ser jikkumpensaha għal xogħolha bil-*penthouse,* allura kull argument tal-appellant li l-Ewwel Qorti naqset milli tqis 'il-benefiċċju diġà godut' mill-appellata', mhuwiex siewi, u dan għaliex anke jekk għall-grazzja tal-argument kellu jiġi assunt li l-attriċi tassew gawdiet mill-benefiċċji li semma l-appellant; xorta waħda jibqa' l-fatt li l-appellant stess kien irrikonoxxa li kellu jikkumpensa lill-attriċi bil-wisq aktar minn hekk, u dan billi jittrasferilha l-*penthouse*;

19. Għalkemm dawn il-konsiderazzjonijiet huma biżżejjed biex iwasslu lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-ewwel aggravju; f'kull każ, din il-Qorti lanqas ma tqis li l-attriċi kienet tassew qed tgawdi mill-'benefiċċji' hekk kif qed jallega l-appellant. Dak li ġie allegat mill-appellant ġie miċħud bil-qawwa mill-attriċi meta fil-kontroeżami nsistiet li l-ispejjeż għall-għixien u bżonnijiet bażiċi tagħha u tat-tifla kienu fil-parti l-kbira mħallsa minn ommha u missierha, filwaqt li spiċċat saħansitra biex ħattet il-flus kollha li kellha miġmugħa ma' missierha.[14] Dawn il-fatti mhux biss stqarrithom

[14] Ara traskrizzjoni tal-kontro-eżami tal-attriċi li sar fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2020, fol. 597 sa 600.

l-attriċi, iżda wkoll ġew imtennija mill-ġenituri tal-attriċi[15] u oħtha[16], li lanqas biss ġew kontroeżaminati mill-konvenut, u dan għaliex l-istess konvenut 'ħass' li tali depożizzjonijet "*m'humiex determinanti għar-riżoluzzjoni tal-kawża odjerna".*[17] Barra minn hekk, il-fatt li l-attriċi ma kinitx tingħata flus mill-konvenut ġie wkoll imsemmi minn Jacqueline Abela, li għal xi żmien kienet tgħin lill-attriċi fix-xogħol fl-uffiċċju fil-barriera.[18] B'żieda ma' dan, din il-Qorti lanqas mhi konvinta li l-attriċi kellha xi *'aċċess inkondizzjonat'* għall-finanzi tal-appellant. Fil-fatt, l-appellant stess ammetta li l-attriċi ma kellhiex aċċess jew prokura għall-kont tal-bank li għalih kien maħruġ iċ-*cheque book*;[19]

20. Għaldaqstant, minn kull fejn tħares, din il-Qorti ma ssibx li l-ewwel aggravju huwa nfondat, u b'hekk qed tgħaddi biex tiċħdu;

21. Fit-**<u>tieni aggravju</u>** l-appellant imbagħad jilmenta mill-ammont tal-kumpens hekk kif likwidat mill-Ewwel Qorti u dan għaliex skont l-appellant, il-likwidazzjoni mwettqa mill-Ewwel Qorti mhijiex 'konsana mat-tagħlim tal-Qrati'. L-appellant jgħid li minn studju tal-ġurisprudenza lokali wieħed isib li l-kumpens mogħti għal serviġi qatt ma jkun f'ammonti kbar

---

[15] Ara affidavit ta' Maria Carmela *sive* Marica Mamo (Dok. Ċ), fol 281; u affidavit ta' Raymond Mamo, (Dok. B), fol. 275.
[16] Ara affidavit ta' Madeline Mamo (Dok. D), fol 480.
[17] Ara verbali tas-seduta tas-27 ta' Jannar 2022.
[18] Ara traskrizzjoni ta' xhieda ta' Jacqueline Abela, mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' Mejju 2019, Fol. 458 u 461.
[19] Ara traskrizzjoni tal-kontroeżami tal-konvenut, mogħti waqt is-seduta tas-27 ta' Jannar 2022, fol 747.

u dan għaliex is-servizzi kważi dejjem jingħataw minħabba rabtiet familjari u għax it-talba għall-ħlas hija bbażata fuq il-kważi-kuntratt u mhux fuq kuntratt. Minħabba f'hekk jargumenta li l-kumpens m'għandu qatt ikun ekwivalenti għax-xogħol li jkun sar u għalkemm għandu jkun adegwat skont iċ-ċirkustanzi kollha partikolari tal-każ, dan għandu dejjem ikun fil-limiti ta' moderazzjoni. L-appellant jikkritika lill-Ewwel Qorti li "*għażlet li tabbraċċja t-teżi tal-appellata li kien hemm ftehim ta' ħlas ta' EUR 8.00 fis-siegħa*" u filwaqt li jgħid li m'hemm l-ebda prova in sostenn ta' dan u tal-ammont tal-paga medja, jinsisti li ma kienx hemm ftehim pekunjarju bejn il-kontendenti. Jargumenta wkoll li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tillikwida kumpens abbażi ta' ftehim u fl-istess ħin iżżid miegħu kumpens *arbitrio boni viri*, u fid-dawl ta' dan jilmenta wkoll li l-Ewwel Qorti warrbet it-tagħlim ġurisprudenzjali biex 'fi kliemha 'illiberalizzat il-kumpens';

22. Din il-Qorti ssib li dan l-aggravju huwa manifestament infondat. Jidher li l-appellant m'għarafx sew dak li qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata u dan għaliex, dik il-Qorti għamlitha ċara li peress li l-azzjoni tal-attriċi hija msejsa fuq il-kważi-kuntratt, l-attriċi ma setgħetx tingħata kumpens ekwivalenti għal dak li ġie mwiegħed lilha mill-konvenut u ċioè l-valur sħiħ ta' *penthouse,* iżda kienet *"sejra timxi mal-kriteriji stabbiliti f'dan l-istitut mill-ġurisprudenza Maltija, anke jekk fil-fehma tal-Qorti il-likwidazzjonijiet għandhom ikunu iktar liberali meta jkun hemm wegħda*

*ta' ħlas kwantifikabbli".*[20] Dak li qalet l-Ewwel Qorti huwa għalhekk li għalkemm fil-fehma tagħha l-likwidazzjonijiet għandhom ikunu aktar *'liberali',* hija kienet fil-fatt ser timxi mal-kriteriji stabbiliti fil-ġurisprudenza. Barra minn hekk, din il-Qorti ma taqbilx li l-Ewwel Qorti, illikwidat xi kumpens fuq ftehim u fl-istess waqt 'żiedet miegħu' kumpens *arbitrio boni viri.* Il-kumpens li ġie llikwidat mill-Ewwel Qorti kien effettivament kollu fuq bażi ta' *arbitrio boni viri* u żgur li mhux bil-mod ta' kif ġie msemmi mill-appellant;

23. B'żieda ma' dan, din il-Qorti lanqas ma jidhrilha li l-appellant għandu raġun meta jgħid li l-likwidazzjoni hekk kif magħmula mill-Ewwel Qorti mhijiex konformi mal-prinċipji ġurisprudenzjali. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dak li għamlet l-Ewwel Qorti kien li mxiet mal-prattika aċċettata, li meta tiġi biex tkejjel l-ammont ta' kumpens, tieħu qies taċ-ċirkostanzi relevanti u mbagħad tasal għal somma mistħoqqa fuq is-saħħa ta' *arbitrio boni viri.* Kemm hu hekk, fit-taqsima tal-konsiderazzjonijiet legali, l-Ewwel Qorti għamlet referenza għal tmien fatturi li skont il-ġurisprudenza għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni meta ssir il-likwidazzjoni tal-kumpens għal serviġi. Dawn huma:

> *"(i) il-grad ta` qrubija bejn min jaqdi u l-persuna megħjuna.*
>
> *(ii) il-frekwenza tas-serviġi.*
>
> *(iii) in-natura tas-serviġi.*

[20] Estratt meħud minn paġna 13 tas-sentenza tal-Ewwel Qorti.

*(iv) il-kedda, l-inkonvenjent jew it-tbatija biex ingħataw is-serviġi.*

*(v) il-grad ta` ħila jew speċjalizzazzjoni li jkunu eserċitati fit-twettieq tas-serviġi.*

*(vi) jekk mal-għoti tas-serviġi l-persuna konċernata tkun inkorriet spejjeż jew infieq minn tagħha.*

*(vii) il-mezzi tal-persuna li tkun ħadet vantaġġ mill-prestazzjonijiet.*

*(viii) il-beneficcju jew kumpens digà godut mill-persuna li tkun ipprestat is-serviġi".*[21]

24. Apparti li dawn iċ-ċirkustanzi huma tassew dawk il-kriterji hekk kif magħrufa fil-ġurisprudenza bħala xierqa biex jitkejjel il-kumpens dovut għal serviġi, (ara fost l-oħrajn is-sentenzi fl-ismijiet: ***Victoria Scerri et. v. Joseph Aquilina et.*** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Marzu 2010);[22] din il-Qorti, wara li qieset il-konsiderazzjonijiet kollha tal-Ewwel Qorti, jidhrilha wkoll li l-Ewwel Qorti applikat dawn il-prinċipji għall-fatti tal-każ b'mod ġust u tajjeb. Fil-fatt, minn ħarsa lejn il-konsiderazzjonijiet tas-sentenza tal-Ewwel Qorti jirriżulta li fost id-diversi fatturi li ġew meqjusa minn dik il-Qorti kien hemm: (i) it-tul tal-perjodu li matulu l-attriċi ħadmet fin-negozju tal-konvenut; (ii) is-sigħat u ġranet twal li kienet taħdem l-attriċi ta' kuljum; (iii) in-natura vasta tax-xogħol li kienet twettaq l-attriċi inkluż ix-xogħol manwali; (iv) it-tbatija u l-inkonvenjent li sofriet l-attriċi biex wettqet is-serviġi; (v) il-fatt li l-attriċi ma kinitx imħallsa tal-ħidma tagħha u li tant li ma kellhiex finanzi kellha tmiss il-flus kollha li kellha mġemmgħa; (vi) il-fatt li l-konvenut kien wegħedha li ser jikkumpensaha,

[21] Estratt meħud minn paġna 4 tas-sentenza tal-Ewwel Qorti.
[22] Ċit. Nru. 1087/2000/1JRM.

partikolarment billi jaqleb f'isimha *penthouse* li kien ser jibni; u (vii) il-fatt li l-konvenut kellu mezzi sostanzjali għaliex kien idaħħal ammont ta' flus sostanzjali min-negozju. Din il-Qorti rat ukoll, li l-fatturi kollha li ġew meqjusa mill-Ewwel Qorti, huma kollha sostnuti bil-provi fl-atti, u għalhekk lanqas ma jista' jingħad li l-Ewwel Qorti għamlet xi apprezzament ħażin tal-provi;

25. Fl-aħħar nett, u sa fejn għandu x'jaqsam mat-tieni aggravju, din il-Qorti lanqas ma tqis li huwa siewi l-argument tal-appellanti li fin-nuqqas ta' ftehim, il-Qrati dejjem akkordaw kumpens li ma jammontax għal somom għoljin u dan minkejja l-istennija tal-persuni li jkunu wettqu s-serviġi. Fil-fehma tal-Qorti, kull każ irid jiġi deċiż skont il-fatti speċi tiegħu, u f'każijiet bħal dawn il-Qorti tgawdi minn ċertu element ta' diskrezzjoni li jimla l-vojt li tħalli l-liġi. (Ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet ta' ***Emanuel Cardona et. v. Dr. Graham Busuttil et.*** deċiża fl-10 ta' Jannar 1995);[23]

26. Meqjusa l-konsiderazzjonijiet hawn fuq imsemmija, din il-Qorti ma tarax li l-Ewwel Qorti wżat id-diskrezzjoni tagħha b'mod ħażin, u minħabba f'hekk din il-Qorti lanqas ma tara li għandha b'xi mod jew ieħor tvarja l-ammont hekk kif ġie likwidat mill-Ewwel Qorti. It-tieni aggravju qiegħed għalhekk jiġi miċħud ukoll;

[23] Vol. LXXIX.II.239.

27. It-**<u>tielet aggravju</u>** huwa mbagħad dwar l-apprezzament tal-provi hekk kif magħmul mill-Ewwel Qorti fir-rigward tal-kwistjoni marbuta mal-pagament ta' €70,000, li ġie mħallas lill-attriċi bħala senserija, u li skont l-appellant kellu jwassal lil dik il-Qorti biex tikkonkludi li l-attriċi diġà ġiet kumpensata in eċċess ta' kwalunkwe pretensjoni vantata minnha. L-appellant jgħid li din il-Qorti ser issib żewġ verżjonijiet kontrastanti - min-naħa waħda ser issib il-verżjoni tal-appellata li tgħid li l-appellant ma kellu l-ebda involviment f'dan in-negozju; u min-naħa l-oħra hemm il-verżjoni tal-appellant li kien hu li introduċa lill-attriċi għal dan in-negozju u li ma talabha xejn mill-qligħ li għamlet. L-appellant jilmenta li b'kuntrarju għal dak li sabet l-Ewwel Qorti, huwa mhuwiex qed jipprova jaħbi l-verità, u jgħid li t-tielet eċċezzjoni tiegħu, u ċioè dik li l-attriċi diġà ġiet kumpensata in eċċess ta' kwalunkwe pretensjoni minnha vantata, ġiet imqajma 'b'referenza għal dan il-ħlas'. Jgħid li min-naħa l-oħra, l-attriċi semmiet biss dan fil-kontroeżami tagħha u jargumenta li b'kuntrarju għal dak li qalet l-Ewwel Qorti, ma kienx hemm utilità li jressaq lil Godwin Azzopardi bħala xhud, u dan għaliex Azzopardi kien is-sieħeb preżenti tal-attriċi. Jagħmel ukoll referenza għax-xhieda tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2021 u jargumenta li peress li huwa midħla sewwa tas-Siġġiewi, il-verżjoni tiegħu tqarreb aktar lejn il-probabbli meta komparata ma' dik tal-attriċi li qatt ma semmiet xejn dwar dan il-ħlas. Jikkonkludi li l-Ewwel Qorti kellha tasal

għall-konklużjoni li l-appellata, b'dan il-ħlas, diġà ġiet kumpensata in eċċess ta' kwalunkwe pretensjonijiet mistennija minnha;

28. Meqjusa l-argumenti kollha tal-appellant fid-dawl tal-atti proċesswali, din il-Qorti titlaq biex tgħid li ġaladarba l-appellant qed jargumenta li t-tielet eċċezzjoni ġiet imqajma 'b'referenza għal dan il-ħlas', b'dik l-eċċezzjoni l-appellant kien effettivament qed iqajjem l-eċċezzjoni tal-pagament, u konsegwentement, il-piż tal-prova ġie mixħut kollu fuq spallejh u dan b'tali mod li kwalunkwe dubju kellu jmur favur l-attriċi u mhux favurih. (Ara fost l-oħrajn is-sentenza fl-ismijiet ***Maria Stella Calleja v. Brian Degiorgio***, mogħtija minn din il-Qorti fis-17 ta' Marzu 2022,[24] kif ukoll il-ġurisprudenza riferuta fis-sentenza fl-ismijiet ta' ***Charles Schembri v. Jean Schembri***, mogħtija mit-Tribunal għat-Talbiet Żgħar fid-9 ta' Jannar 2019).[25]

29. Ikkonsidrat dan fid-dawl tal-provi in atti, din il-Qorti ma tistax tqis li l-appellant irnexxielu jegħleb l-oneru impost fuqu;

30. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tqis li l-verżjonijiet tal-attriċi u tal-konvenut dwar il-kwistjoni tal-pagament relatat mas-senserija huma tassew inkompatibbli ma' xulxin, b'tali mod li waħda teskludi lill-oħra. Kemm hu hekk, filwaqt li min-naħa l-waħda, il-konvenut qal li l-attriċi qalgħet is-

[24] App. Ċiv. Nru. 691/2014/1MCH.
[25] Avviż Nru. 550/2017KCX.

sebgħin elf bis-saħħa tiegħu, għaliex huwa kien dak li 'firxilha s-sodda' u dan billi laqqa' lis-sidien u mbagħad ħallha kollox f'idejha; [26] min-naħa l-oħra, l-attriċi rribattiet bil-qawwa li l-konvenut ma kellu xejn x'jaqsam f'dan in-negozju, tant li qalet li setgħu jittellgħu n-nies kollha jixhdu biex jikkonfermaw dak li kienet qed tgħid;[27]

31. Fil-fehma tal-Qorti, mhuwiex ta' ftit relevanza l-fatt li l-ewwel darba li saret referenza għall-pagament ta' sebgħin elf kien wara li l-attriċi għalqet il-provi u dan fuq mistoqsija speċifika tar-rappreżentant legali tal-konvenut waqt il-kontinwazzjoni tal-kontroeżami tal-attriċi li sar fis-seduta tal-10 ta' Diċembru 2020.[28] F'dan l-istadju l-appellant kien għadu ser jibda bil-provi, u b'hekk din il-Qorti ma tistax ma taqbilx ma' dak li qalet l-Ewwel Qorti, li l-konvenut kellu kull opportunità li jsostni l-verżjoni tiegħu billi jtella' lil Godwin Azzopardi jew lis-sensar sabiex jikkorroboraw il-verżjoni tiegħu. Dan aktar u aktar meta kif ġià osservat il-piż tal-prova kien jaqa' fuq spallejh u l-attriċi kienet qed tagħti verżjoni opposta għal tiegħu;

32. Filwaqt li din il-Qorti tista' tifhem li l-konvenut ma tellax bħala xhud lil Godwin Azzopardi għaliex sussegwentement dan sar is-sieħeb tal-attriċi; min-naħa l-oħra, il-konvenut ma kellu l-ebda skuża li ma jtellax lis-

[26] Fol. 624J sa 624M u Fol 746 u 747.
[27] Fol. 613 *et. seq*.
[28] Id.

sensar bħala xhud. Barra minn hekk, jekk l-appellant tassew huwa 'midħla tas-Siġġiewi' u li kien dak li laqqa' lis-sidien flimkien biex iseħħ dan in-negozju, allura x'żammu milli jtella' lil dawk l-istess sidien biex jikkonfermaw dak li kien qed jgħid? Bħalma qalet tajjeb l-Ewwel Qorti, min ma jressaqx l-aħjar prova li jkollu l-opportunità li jġib, jagħmel hekk għax jaqbillu, u għalhekk din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li l-verżjoni tal-attriċi hija aktar kredibbli minn dik tal-appellant;

33. Barra minn hekk, din il-Qorti taqbel ukoll mal-Ewwel Qorti li fattur ieħor li jkompli jixħet dawl fuq in-nuqqas ta' kredibilità tal-appellat, huwa li l-appellant stess naqas milli jirreferi għall-kwistjoni tas-senserija sa mill-bidu tal-proċeduri. Fil-fatt, kif osservat tajjeb l-appellata fir-risposta għall-appell; għalkemm l-appellant kellu kull interess u opportunità li jsemmi dan 'il-pagament' sa mill-bidu nett tal-proċeduri u speċifikatament meta ġie msejjaħ bħala xhud minnha waqt is-seduta tal-10 ta' Ottubru 2019, l-appellant ma semma xejn dwar din il-kwistjoni tas-senserija.[29] Li kieku l-appellant verament ressaq it-tielet eċċezzjoni 'b'referenza għal dan il-ħlas', il-probabbilità kienet li l-appellant kien jixhed dwar dan mal-ewwel opportunità li jkollu u mhux joqgħod jistenna;

[29] Fol 507 *et. seq*.

34. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti ma tarax li ġew miġjuba raġunijiet tajba sabiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi hekk kif magħmul mill-Ewwel Qorti, li fl-aħħar mill-aħħar semgħet b'0widnejha u rat b'għajnejha lill-partijiet jixhdu dwar dan il-punt. (Ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet ta' ***Stephen u Paul aħwa Tanti v. Louis Scerri Montaldo et.*** deċiża fit-8 ta' Ottubru 2020);[30]

35. Għaldaqstant, din il-Qorti lanqas ma jirriżultalha li l-appellata diġà ġiet ikkumpensata in eċċess ta' kwalunkwe pretensjoni minnha vantata, u konsegwentement it-tielet aggravju qiegħed għalhekk jiġi wkoll miċħud;

36. Fl-**<u>aħħar aggravju</u>**, l-appellant imbagħad jilmenta dwar id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti sa fejn għandha x'taqsam mal-ispejjeż ġudizzjarji. Galadaraba din il-Qorti għadha kif sabet li l-ewwel tliet aggravji tal-appellant mhumiex siewja u b'hekk din il-Qorti ser tkun qed tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti, din il-Qorti jidhrilha li bit-tħaddim tal-Artikolu 223(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, dan l-aggravju lanqas ma jista' jiġi milqugħ u b'hekk qiegħed jiġi wkoll miċħud. (Ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet ta' ***George Galea v. Maria Carmela sive Marica Baldwin***, deċiża minn din il-Qorti fil-11 ta' Ottubru 2022);[31]

[30] App. Ċiv. Nru. 27/2011/1MCH.
[31] App. Ċiv. Nru. 90/2014/1FDP.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u b'hekk tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fil-5 ta' Mejju 2022, fil-kawża fl-ismijiet premessi, u dan fis-sħiħ tagħha.

L-ispejjeż kollha marbuta ma' dan l-appell għandom jiġu mħallsa mill-appellant, filwaqt li l-bqija tal-ispejjeż jibqgħu hekk kif deċiżi mill-Ewwel Qorti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm